

Brussell, 30 ta' Settembru 2016
(OR. en)

12803/16

PUBLIC 65
INF 169

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - MEJJU 2016

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Mejju 2016.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli ta' votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispejgazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'MEJJU 2016

Proċedura bil-miktub kkompletata fl-4 ta' Mejju 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2016/694 tal-4 ta' Mejju 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni (PEŠK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 120, 5.5.2016, p. 12-14	8414/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/690 tal-4 ta' Mejju 2016 li jimplimenta l-Artikolu 21(1) u 21(5) tar-Regolament (UE) 2016/44 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 120, 5.5.2016, p. 1-3	8415/16

Adozzjoni ta' atti legiſlattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mid-9 sat-12 ta' Mejju 2016)

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53-114	19/16 (8685/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 44

Il-ħolqien ta' livell għoli u armonizzat ta' protezzjoni tad-data li jkopri l-attivitajiet tal-pulizija u tal-ġudikatura fl-Unjoni huwa kruċjali bħala mezz ta' rispett u salvagwardjar tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni. B'kont meħud tar-responsabbiltajiet kondiviżi tal-Unjoni u l-Istati Membri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib u effettiva fost l-awtoritajiet superviżorji fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iqisu li, wara l-adozzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni ta' Data u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data proposti għall-ipproċessar tad-data fis-settur tal-pulizija u l-ġustizzja, inkluż il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġdid li dalwaqt ser jinholq, u fid-dawl tal-fatt li tħabbret ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-mekkaniżmi differenti ta' kooperazzjoni bejn il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'dan il-qasam, inkluż il-Bord ta' Kooperazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament, fil-futur għandhom jergħu jiġu organizzati b'tali mod li jiżgura l-effettività u l-konsistenza u li tiġi evitata duplikazzjoni mhux meħtieġa, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni.

Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing
ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21-57

18/16
(8686/16)

Mhux applikabbli

Mhux applikabbli

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar ir-raġuni għal rifjut speċifikata fl-Artikolu 20(2)(f)

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jifhmu l-punt (f) tal-Artikolu 20(2) ta' din id-Direttiva bħala li jippermetti lill-Istati Membri jirrifjutaw applikazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ biss u b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin tal-pajjiż terz u tal-prinċipju ta' proporzjonalità u fuq il-baży ta' evidenza jew raġunijiet serji u oġġettivi. Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw din id-dispożizzjoni f'konformità ma' din l-interpretazzjoni meta jittrasponu d-Direttiva, u ser tgħarraf lill-Parlament u lill-Kunsill b'dan, fil-qafas tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 39.

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jqisu li l-inklużjoni ta' din id-dispożizzjoni f'din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi preċedent għal strumenti futuri dwar il-migrazzjoni legali.

It-3462 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN - KWISTJONIJIET TA' ŻVILUPP), li saret fi Brussell fit-12 ta' Mejju 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp	8530/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar HABITAT III: L-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-3 Konferenza tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli	8283/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-riskji relatati ma' approċċ orjentat lejn ir-riżultati, għal azzjoni tal-UE fl-iżvilupp u l-kooperazzjoni	6528/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/783 tat-12 ta' Mejju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 12.02.01) ĠU L 131, 20.5.2016, p. 66-69	7153/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/784 tat-12 ta' Mejju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 04 03 01 03) ĠU L 131, 20.5.2016, p. 70-72	7161/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/830 tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 140, 27.5.2016, p. 5-6	7423/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2016/829 tat-12 ta' Mejju 2016 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies ladeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 140, 27.5.2016, p. 3-4	7421/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/853 tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 142, 31.5.2016, p. 3-4	7417/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2016/852 tat-12 ta' Mejju 2016 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakkja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 142, 31.5.2016, p. 1-2	7415/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/713 tat-12 ta' Mejju 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ĠU L 125, 13.5.2016, p. 12-13	7063/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/712 tat-12 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ĠU L 125, 13.5.2016, p. 11-11	6349/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għar-riżultati biex jitjieb it-twassil tal-assistenza teknika lill-Greċja"	7718/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/894 tat-12 ta' Mejju 2016 li tikkostitwixxi Rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju ĠU L 151, 8.6.2016, p. 8-11	8746/16
Dikjarazzjoni mill-Greċja Il-Greċja jiddispijaċiha li l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju, hija bbażata fuq l-ipoteżi li l-miżuri meħudin mill-Greċja fl-aħħar tliet xhur ma kinux adegwati sabiex titnaqqas it-"theddida serja" identifikata fil-fruntieri esterni jgħid li fil-fruntieri tal-art u tal-baħar mat-Turkija u li l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen huma sodisfatti. Il-Greċja, kif iddikjarat fir-Rapport Finali tagħha tad-29 ta' April 2016, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenziji Ewropej u l-Istati Membri rnexxielha twettaq, fi żmien inqas minn tliet xhur, tlieta u erbgħin (43) azzjoni kompleta u pprovdiet perijodu ta' żmien realistiku għal seba' (7) azzjonijiet kontinwi oħra sabiex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet identifikati. Il-Greċja, filwaqt li tfakkar fid-dikjarazzjoni tagħha tal-10.02.2016 ittenni l-pożizzjoni tagħha, li s-sejbiet taż-żjara ta' evalwazzjoni mhux mistennija li saret mill-10 sat-13.11.2015 ma jikkostitwixxux "nuqqasijiet serji" u ma juru l-ebda evidenza li "il-Greċja qed tittraskura serjament l-obbligi tagħha". Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Greċja ma tistax taqbel mal-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.	

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Filwaqt li tikkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju, l-Ungerija ttenni l-pożizzjoni tagħha dwar li t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni taż-Żona Schengen huwa ferm aktar importanti mill-miżuri temporanji li ġew introdotti fil-fruntieri interni. Sabiex iż-Żona Schengen terġa' tibda taħdem b'mod sħiħ mill-aktar fis possibbli, għandha tingħata prijorità lill-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Greċja, - kif ukoll l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill fi Frar.

Bl-istess mod, filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa possibbli li l-kontrolli fuq il-fruntieri introdotti minn ċerti Stati Membri f'xi partijiet tal-fruntieri interni tagħhom, jinżammu, l-Ungerija tenfasizza li hu inevitabbli u ferm importanti li l-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità jiġu rispettati b'mod sħiħ, u li l-kontrolli sussegwenti kollha għandhom isiru f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Kodiċi tal-Unjoni, li jirregolaw il-moviment ta' persuni bejn il-fruntieri u d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mis-Slovenja

Ir-Repubblika tas-Slovenja ma tappoġġax il-proposta tal-Kummissjoni għall-estensjoni tal-kontrolli tal-fruntiera fuq il-fruntiera interna bejn is-Slovenja u l-Awstrija.

Il-Kummissjoni Ewropea tiġġustifika l-permess biex jinżammu kontrolli tal-fruntieri temporanji proporzjonati bil-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod adegwat it-theddida serja għall-politika pubblika u s-sigurtà interna relatata mal-movimenti sekondarji ta' migranti irregolari.

Peress li fil-preżent m'hemmx raġunijiet oġġettivi li tirriżulta tali theddida mis-Slovenja, ir-Repubblika tas-Slovenja tqis din il-miżura bħala li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-UE u Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli	8577/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan	8568/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Ipprogrammar Konġunt	8554/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ tal-UE lejn iċ-ċaqliq sfurzati u l-iżvilupp	8553/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar is-Summit Umanitarju Dinji	8567/16

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni taqbel mal-kontenut tal-abbozz tal-konklużjonijiet tas-Summit Umanitarju Dinji. Madankollu, hija tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha mal-pjan li jiġi adottati f'att singolu, fl-għamla ta' att ibridu magħqud mal-att tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill.

Il-Kummissjoni tfakkar li fil-Kawża C-28/12, il-Kummissjoni v. il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kienet diġà ddeċidiet fuq il-kwistjoni tal-legalità skont it-Trattati ta' atti ibridi, u jsegwi minn din is-sentenza li tali atti huma inkompatibbli mat-Trattati. Il-prinċipji u r-raġunament li abbażi tagħhom l-Awla Manja ddeċidiet dan il-każ huma ugwalment applikabbli għall-att li l-Kunsill jadotta l-konklużjonijiet tas-Summit Umanitarju Dinji li jiddefinixxu l-pożizzjoni tal-UE fis-Summit.

It-3463 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN - KWISTJONIJIET KUMMERĊJALI) li saret fi Brussell fit-13 ta' Mejju 2016**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/763 tat-13 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern fir-rigward tal-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-proċeduri ta' arbitraġġ skont l-Artikolu XIX:8 tal-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern ĠU L 126, 14.5.2016, p. 71-76	7540/16 7541/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Assistenza finanzjarja pprovduta lil pajjiżi li jinsabu f'diffikultajiet"	8094/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni mill-Ġermanja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna	8053/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Ġermanja fil-qasam tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija	8054/16

Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Ġermanja fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen		8051/16	
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni mill-Ġermanja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi		8055/16	
It-3464 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fis-17 ta' Mejju 2016			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tnissil tal-annimali ('ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali') (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66-143	3/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: HU, SK Astensjoni: BE, DE
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni			
Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2(b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jsir biss f'każ ta' hteġa speċifika li wiehded jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt (b) tas-subparagrafu 2 ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.			

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Fil-prinċipju, l-Ungerija tilqa' r-rieżami tal-leġislazzjoni attwali dwar iż-żooteknika.

L-Ungerija tinnota li fuq livell tekniku, it-test tal-proposta dwar ir-regolament tjieb b'mod sinifikanti waqt id-diskussjonijiet mill-esperti fil-Kunsill u, f'dan ir-rigward, tapprezza ħafna l-ħidma tal-presidenzi kollha li qed jittrattaw dan il-fajl.

Madankollu, filwaqt li l-Ungerija taqbel mal-intenzjoni li tiġi aġġornata l-leġislazzjoni f'dan il-qasam, dan l-eżerċizzju għandu jiffoka fuq l-iżvilupp ta' regoli armonizzati għal speċijiet addizzjonali, u ma għandux jirriżulta fil-qerda jew fid-dgħufija ta' strutturi li jiffunzjonaw tajjeb fl-Istati Membri.

L-Ungerija tenfasizza li direttiva hija u tibqa' adatta għal dan l-iskop, filwaqt li regolament ma jkunx adatt. L-Ungerija hija wkoll tal-fehma li, f'dan il-qasam, id-dritt tal-Unjoni għandu jagħmel aktar enfasi fuq il-protezzjoni tal-bijodiversità.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-proposta attwali għal regolament.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tastjeni milli tivvota minħabba li l-punti importanti li ġejjin ma ġewx solvuti b'mod sodisfaċenti:

1. Rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet tat-tnissil

Aħna niċħdu r-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet tat-tnissil li dawk li jrabbu l-annimali ma għandhomx id-dritt li jissieħbu fihom, minħabba li l-implimentazzjoni ta' programmi ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil biss minn soċjetajiet tat-tnissil jiżguraw li persuni individwali li jrabbu l-annimali jistgħu jiddeċiedu, jiddefinixxu u jkomplu jiżviluppaw il-programmi tat-tnissil għal annimali ta' razza pura għat-tnissil.

Il-Ġermanja hija tal-fehma li huwa kruċjali għal dawk li jrabbu l-annimali li dawn ikollhom influwenza diretta fuq il-programm tat-tnissil.

2. L-għażla li jitwettqu testijiet ta' prestazzjoni u evalwazzjonijiet ġenetiċi (LP/ZWS) fil-livell nazzjonali bħala kompetu sovrani

Il-Ġermanja hija tal-fehma li t-taqsim tal-implimentazzjoni għandha tipprevedi wkoll, kif ġara sa issa, l-għażla li tippermetti t-test ta' prestazzjoni u l-evalwazzjonijiet ġenetiċi li jitwettqu fil-livell nazzjonali bħala kompetu sovrani.

3. Raġunijiet tekniċi biex jiġu rrifjutati programmi tat-tnissil

Għandu jkun possibbli li programm tat-tnissil jiġi rrifjutat biss jekk l-approvazzjoni ta' programm tat-tnissil ieħor għall-istess razza, diġà fil-periklu, jirriżulta f'theddida għall-popolazzjoni ta' din ir-razza.

Dikjarazzjoni mis-Slovakkja

Is-Slovakkja tifhem ir-raġunijiet għall-adozzjoni ta' regoli armonizzati għas-suq għat-tniissil ta' annimali u l-prodotti ġerminali tagħhom u tapprezza l-isforz li sar mill-Presidenzi kollha kkonċernati biex itejbu l-proposta billi kkunsidraw it-tħassib tekniku kollu tal-Istati Membri. Madankollu, is-Slovakkja qed tibża' li r-regolament il-ġdid ser johlq xi problemi serji u jaffettwa ħażin is-sistema u l-organizzazzjoni eżistenti ta' attivitajiet tat-tniissil ta' annimali fis-Slovakkja. L-organizzazzjonijiet tat-tniissil ta' annimali u organizzazzjonijiet oħra tat-tniissil involuti kif ukoll l-istruttura sħiħa tas-sistema tat-tniissil fis-Slovakkja huma bbażati fuq tradizzjoni twila u huma organizzati fuq livell professjonali għoli. Wara l-adozzjoni tal-proposta, l-istabbiltà ta' din l-istruttura tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet tat-tniissil tista' tkun mhedda serjament. Il-proposta għal regolament tintroduċi wkoll liberalizzazzjoni sinifikanti tal-attivitajiet tat-tniissil fl-Unjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv xi Stati Membri f'termini tad-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjoni ta' annimali tat-tniissil u l-prodotti ġerminali tagħhom. Barra minn hekk, is-Slovakkja tassumi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jkollhom setgħa akbar fit-teħid tad-deċiżjonijiet rigward it-twettiq ta' programmi tat-tniissil fit-territorji tagħhom mill-organizzazzjonijiet tan-nissila li huma stabbiliti u rikonoxxuti fi Stati Membri oħra. Huwa importanti li tiġi ppreservata wkoll id-diversità ġenetika fil-każ ta' razez kummerċjali mrobbija ħafna, fil-forma ta' programmi tat-tniissil individwali mwettqa f'kull Stat Membru u sorveljati mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

Konsegwentement, wara konsultazzjonijiet bir-reqqa mar-rappreżentanti tal-operaturi fis-settur tat-tniissil tal-annimali fis-Slovakkja u kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-aspetti pożittivi u negattivi kollha tar-regoli armonizzati ġodda, is-Slovakkja ma tistax tappoġġa l-proposta.

Pożizzjoni (UE) Nru 10/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Mejju 2016 ĠU C 218, 16.6.2016, p. 1–30	5581/16 5581/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1-65	72/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/817 tas-17 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra ĠU L 136, 25.5.2016, p. 1-3	11643/15
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE. Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha.	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/833 tas-17 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fl-54 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi stabbilit mill-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Appendiċi C għall-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija ĠU L 140, 27.5.2016, p. 12-14	7925/16

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 tas-17 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti ĠU L 132, 21.5.2016, p. 85-94	7945/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/815 tas-17 ta' Mejju 2016 rigward l-adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni, li tfasslet fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u għall-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, għall-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 u għat-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997 tiegħu ĠU L 133, 24.5.2016, p. 9-10	7771/16
Proċedura bil-miktub ikkompletata fid-19 ta' Mejju 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/785 tal-19 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea ĠU L 131, 20.5.2016, p. 73-78	8406/16
It-3465 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI- AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fl-20 ta' Mejju 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/834 tal-20 ta' Mejju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt ĠU L 140, 27.5.2016, p. 15-20	8064/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/979 tal-20 ta' Mejju 2016 rigward l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Konvenzjoni li tfasslet fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali ĠU L 161, 18.6.2016, p. 35-36	8418/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/920 tal-20 ta' Mejju 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali relatata mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ĠU L 154, 11.6.2016, p. 1-2	8505/16
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Ir-Renju Unit jilqa' dan il-Ftehim. Huwa jinnota li l-premessa (6) ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tieħu nota tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6a tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif anness għat-TUE u t-TFUE. Ir-Renju Unit jinnota li l-Artikolu 6a tal-Protokoll 21 ifisser li r-regoli fil-Ftehim ma jorbtux lir-Renju Unit fir-rigward ta' ebda ftehim bilaterali li r-Renju Unit kkonkluda jew jikkonkludi bi dritt tiegħu stess. Ir-Renju Unit jirriżerva l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-eżistenza ta' kompetenza, fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, li l-Unjoni tikkonkludi kwalunkwe ftehim ieħor ma' pajjiż terz li jkun jinkludi, fil-kamp tal-applikazzjoni tiegħu, ftehimiet konklużi bejn Stati Membri individwali u pajjiżi terzi.	
It-3466 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN) li saret fi Brussell fit-23 ta' Mejju 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Georgia, min-naħa l-oħra ĠU L 141, 28.5.2016, p. 26-27	9827/14

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Il-pożizzjoni tar-Renju Unit hija li l-Artikolu 16(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fih obbligi skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, partikolarment l-Artikoli 79(3) u 77(2)(a) TFUE. Għalhekk dawn il-bażijiet legali sostantivi kellhom jiġu inklużi f'Deċizzjoni tal-Kunsill separata li tittratta materji li jaqgħu fl-ambitu tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, ir-Renju Unit asserixxa d-dritt tiegħu skont il-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u għażel li josserva l-obbligi tal-Artikolu 16(1) sa fejn huma marbutin mar-riammissjoni. Ir-Renju Unit mhuwiex marbut, bħala parti mill-UE, mill-obbligi taħt l-Artikolu 16(1) sa fejn dawn jirrigwardaw Viżi minħabba li l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi ma japplikax għar-Renju Unit.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Rigward id-Dikjarazzjoni li ddaħħlet fil-Minuti mir-Renju Unit fir-rigward tal-punti 30 u 31, il-Kummissjoni tindika li ż-żewġ abbozzi ta' Deċizzjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Georgia u l-Moldova rispettivament mhumex adottati f'konformità mat-Titolu V ta' Parti Tlieta tat-TFUE u għalhekk il-Protokoll 21 mhux applikabbli għalihom.

Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/839 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ĠU L 141, 28.5.2016, p. 28-29

9828/14

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Il-pożizzjoni tar-Renju Unit hija li l-Artikolu 15(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fih obbligi skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, partikolarment l-Artikoli 79(3) u 77(2)(a) TFUE. Għalhekk dawn il-bażijiet legali sostantivi kellhom jiġu inklużi f'Deċizzjonijiet tal-Kunsill separati li jittrattaw materji li jaqgħu fl-ambitu tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, ir-Renju Unit asserixxa d-dritt tiegħu skont il-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u għażel li josserva l-obbligi tal-Artikolu 15(1) sa fejn huma marbutin mar-riammissjoni. Ir-Renju Unit mhuwiex marbut, bħala parti mill-UE, mill-obbligi taħt l-Artikolu 15(1) sa fejn dawn jirrigwardaw Viżi minħabba li l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi ma japplikax għar-Renju Unit.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni	
Rigward id-Dikjarazzjoni li ddaħħlet fil-Minuti mir-Renju Unit fir-rigward tal-punti 30 u 31, il-Kummissjoni tindika li ż-żewġ abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Georgia u l-Moldova rispettivament mhumieq adottati f'konformità mat-Titolu V ta' Parti Tlieta tat-TFUE u għalhekk il-Protokoll 21 mhux applikabbli għalihom.	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/877 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-Sottokomitat Sanitarju u Fitosanitarju stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ĠU L 145, 2.6.2016, p. 24-47	8278/16
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt, u t-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom	8184/16
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jifflu negozjati u jinneqgħaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, ta' Ftehim Globali mmodernizzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Messiku, minn naħa oħra	7825/16
Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tiftaħ negozjati u tinneqgħaw, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri, ta' Ftehim Globali mmodernizzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Messiku, minn naħa oħra	7826/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	8890/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel	8891/16

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2016/816 tal-23 ta' Mejju 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni (PEŠK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 133, 24.5.2016, p. 11-12	9161/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tad-Da'esh	9105/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Aspetti Esterni tal-Migrazzjoni	9242/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar EUNAVFOR MED Operazzjoni Sophia	9064/16
It-3467 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI) li saret fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/870 tal-24 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin ĠU L 145, 2.6.2016, p. 1-3	12773/15
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jigiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE. Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispijaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissema l-paragrafu) flimkien mal-Artikoli 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha.	

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1062 tal-24 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni fisem l-Unjoni Ewropea ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu ĠU L 177, 1.7.2016, p. 1-3	13015/15		
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni			
Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE.			
Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispijaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikoli 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha.			
It-3468 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fil-25 ta' Mejju 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8-21	7148/16	B'unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/856 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-perjodu tal-obbligu li tkun rispettata rata standard minima ĠU L 142, 31.5.2016, p. 12-13	5931/16	B'unanimità	L-Istati Membri kollha favur

Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika ĠU L 185, 8.7.2016, p. 1-191	6/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Is-superviżjoni tal-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu mill-UE - stabbilita tajjeb iżda għadha mhix kompletament effettiva"		8880/16	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Esterna għal Tassazzjoni Effettiva u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż tat-trattat dwar it-taxxa		8792/16	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT "Lejn żona unika tal-VAT fl-UE" u dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni"		9494/16	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar analiżijiet fil-fond u implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2015		8836/16	

It-3470 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZZJU) li saret fi Brussell fis-26 u s-27 ta' Mejju 2016

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konossenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1-18	76/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mil-Latvja

Ir-Repubblika tal-Latvja tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-terminu legali '*darījumdarbība*' użat fil-verżjoni bil-Latvjan tad-Direttiva b'rabta mal-attività ekonomika għandu tifsira legali sostanzjalment differenti minn dik tat-terminu 'business' użat fil-verżjoni bl-Ingliż tad-Direttiva. Ir-Repubblika tal-Latvja tinnota li użu inkonsistenti jew żbaljat ta' terminoloġija legali jwassal għal ambigwiżtà legali u għaldaqstant joħloq riskju li jiġi sfrattat il-paralleliżmu legali bejn il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tad-Direttiva. Ir-Repubblika tal-Latvja tinnota li t-terminu 'business' jidher f'kontest komparabbli fl-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn huwa tradott fil-Latvjan bħala '*uzņēmējdarbība*'. It-terminu tal-aħħar '*uzņēmējdarbība*' jiddeskrivi b'mod aktar preċiż l-attività ekonomika koperta mid-Direttiva, li tirriżulta fl-iżvilupp ta' sigrieti kummerċjali. Ir-Repubblika tal-Latvja biħsiebha tagħti bidu għall-proċedura ta' corrigendum għad-Direttiva sabiex tiżgura l-użu konsistenti u korrett tat-terminoloġija.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar is-Servizzi?"	8552/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pakkett dwar "Teknoloġiji tas-Suq Uniku Diġitali u l-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi"	8735/16

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit, l-Estonja, il-Belġju, is-Slovenja, il-Polonja, il-Latvja u Malta

Id-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq jilqgħu b'sodisfazzjon il-pakkett tal-Kummissjoni dwar it-"Teknoloġiji tas-Suq Uniku Diġitali u l-Immodernizzar tas-Servizzi Pubbliċi" u l-impenn tiegħu sabiex ikun possibbli li kull negozju Ewropew, irrispettivament mid-daqs, is-settur jew l-ispeċjalizzazzjoni, igawdi mill-innovazzjonijiet diġitali. Nilqgħu wkoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pakkett.

Infaħħru r-rikonossiment mill-Kummissjoni li Standards Miftuħa jiżguraw l-interoperabbiltà, irawmu l-innovazzjoni u jnaqqsu l-ostakli għad-dħul fis-Suq Uniku Diġitali. Biex nixprunaw l-innovazzjoni u t-tkabbir, u nilħqu l-potenzjal tas-Suq Uniku Diġitali, jeħtieġ inkomplu nneħħu l-ostakli għall-innovazzjoni, b'mod partikolari għall-SMEs. Għalkemm il-Komunikazzjoni dwar il-Prijoritizzazzjoni tal-ICT tirreferi biss għal liċenzji FRAND fil-paragrafu dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT fir-rigward ta' privattivi standard essenzjali, nixtiequ nenfasizzaw l-importanza tal-ħolqien ta' Standards Miftuħa li jistrieħu fuq mudelli ta' proprjetà intellettuali Royalty Free fir-rigward tas-software.

Nitolbu li, fil-komunikazzjonijiet u l-programmi ta' ħidma l-futuri, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-mudelli ta' standardizzazzjoni adatti kollha li jkunu miftuħa, trasparenti u bbażati fuq kunsens ġenerali, użati mill-industriji fis-setturi kollha tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u t-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni Elettronika. Dan jippermetti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-forom kollha ta' standards għas-software, il-komunikazzjoni elettronika u l-format tad-data li jippermettu lill-kumpaniji tal-UE jikkompetu fis-swieq lokali, reġjonali u globali fuq termini uguali, fejn is-soluzzjonijiet innovattivi tagħhom jistgħu jgħolqu swieq u impjiegi ġodda.

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Konvenzjoni dwar ir-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (il-Konvenzjoni dwar is-Sentenzi) fil-qafas tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Privat Internazzjonali

8851/16

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jinnota li l-premessa 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tiddikjara li l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklussiva fir-rigward tas-suġġetti trattati mill-Konvenzjoni proposta dwar is-Sentenzi, abbażi li l-Konvenzjoni prevista ser taffettwa r-regoli komuni tal-qafas eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament 1215/2012 (Brussell I riformulat).

Madankollu, ir-Renju Unit jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill li ser tiġi adottata hija skont it-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser torbot biss lir-Renju Unit jekk huwa jagħżel li jieħu sehem fid-Deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Protokoll 21 għat-Trattati.

Għaldaqstant, ir-Renju Unit ma jqisx li huwa awtomatikament marbut li jipparteċipa fid-Deċiżjoni tal-Kunsill u jqis li l-inklużjoni tal-kelma "għaldaqstant" fit-test tal-premessa 8 mhijiex preċiża. Il-fatt li r-Renju Unit qed jieħu sehem fir-Regolament 1215/2012 ma jrendix inoperattivi, fil-fehma tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 21.

Minflok, ir-Renju Unit qed jeżerċita d-dritt tiegħu skont il-Protokoll 21 li jagħżel li jieħu sehem fid-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta, u ser iqis lilu nnifsu marbut b'din id-Deċiżjoni.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Regolamentazzjoni Aħjar biex tissaħħaħ il-kompetittività"	8551/16
---	---------

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tiddikjara li l-livell għoli ta' protezzjoni ddikjarat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill jinkludi r-rispett tal-istandards eżistenti ta' protezzjoni.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PK7 u l-Prospetti Futuri: L-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni għal tkabbir, impjiegi u soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali	9527/16
--	---------

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar regolamentazzjoni favorevoli għar-Riċerka u l-Innovazzjoni	9510/16
---	---------

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-transizzjoni lejn sistema ta' Xjenza Miftuħa	9526/16
--	---------

Proċeduri bil-miktub konklużi fis-27 ta' Mejju 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li tħassar id Deċiżjoni 2013/183/PESK ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79-124		7803/16	
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/841 tas-27 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 141, 28.5.2016, p. 36-46		8481/16	
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850 tas-27 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 141, 28.5.2016, p. 125-130		8425/16	
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/840 tas-27 ta' Mejju 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 141, 28.5.2016, p. 30-35		8427/16	
It-3471 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGHAŻAĠH, KULTURA U SPORT) li saret fi Brussell fit-30 u l-31 ta' Mejju 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/1014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' eżenzjonijiet għan-negozjanti tal-komoditajiet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 153-154	13/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Regolament (UE) 2016/1013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ tal-pagamenti, kummerċ internazzjonali ta' servizzi u investiment dirett barrani (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 144-152	8/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21-54	47/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55-91	48/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĖISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 tat-30 ta' Mejju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' strument internazzjonali li l-korpi tal-ICAO għandhom ifasslu bil-ħsieb li jwassal għall-implimentazzjoni mill-2020 ta' miżura globali unika bbażata fuq is-suq li tindirizza l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali ĠU L 153, 10.6.2016, p. 32-34		8586/16	
Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażaġh f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażaġh ĠU C 213, 14.6.2016, p. 1-5		9640/16	
Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ĠU C 212, 14.6.2016, p. 5-8		9641/16	

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-Europeana għall-aċċess diġitali, il-viżibbiltà u l-użu tal-wirt kulturali Ewropew ĠU C 212, 14.6.2016, p. 9-13	9643/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-integrità, it-trasparenza u l-governanza tajba f'avvenimenti sportivi ewlenin ĠU C 212, 14.6.2016, p. 14-17	9644/16